**John Boxall**
**Sindku**

**Lara Mascena**
**Segretarju Eżekuttiv**

# ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
# (KAP. 363)

## *BYE-LAWS* DWAR REKLAMI FUQ GĦAMARA TAT- TOROQ (KUNSILL LOKALI BIRGU)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8) u 60 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Birgu għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta’ dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Birgu).

Tifsir.

**2.** F’dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort’oħra:

"applikant" tfisser dik il-persuna li tapplika lill-Kunsill skond id- disposizzjonijiet ta’ l-ordinament 3.2;

"Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

Kap. 363.

"għamara tat-toroq" tfisser kull ħaġa, mobbli jew immobbli, li tkun proprjetà tal-Kunsill jew taħt ir-responsabbilità tiegħu li għalkemm ma tkunx parti essenzjali minn triq, bankina, ġnien jew post ieħor pubbliku, tkun imdaħħla ġo post bħal dak jew imwaħħla miegħu jew imqiegħda ġo post bħal dak jew imqiegħda fuqu u tinkludi *dustbins*, bankijiet, qsari, ċnut, ħitan, balavostri, kolonni, *roundabouts*, *central strips*, *traffic islands*, u kull proprjetà oħra li tiġi inkluża mill-Kunsill b’riżoluzzjoni;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali ta’ Birgu;

"kuntrattur" tfisser dik il-persuna li tkun awtorizzata mill-Kunsill li tesebixxi, twaħħal jew tqiegħed xi reklam fuq għamara tat-toroq skond id-disposizzjonijiet ta’ l-ordinament 3.1;

"reklam" tinkludi avviż.

Awtorizzazzjoni għal reklamar fuq għamara tat-toroq.

**3.1** Bla ħsara għal kull permess, awtorizzazzjoni, jew liċenza meħtieġa taħt xi liġi, ebda persuna ma tista’ tesebixxi, twaħħal, jew tqiegħed xi reklam fuq xi għamara tat-toroq fil-konfini tal-lokalità ta’ Birgu mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Kunsill.

**3.2** Dik l-awtorizzazzjoni tista’ tingħata jew wara applikazzjoni bil-miktub għalhekk, li ssir lill-Kunsill jew wara sejħa pubblika fejn il-Kunsill jistieden applikazzjonijiet:

Iżda dik l-awtorizzazzjoni għandha titqies mhix valida jekk l-applikant jonqos milli jaderixxi mal-ħtiġiet li hemm stabbiliti fil- linji ta’ gwida maħruġa jew li jistgħu jiġu maħruġa minn żmien għal żmien mill-Kunsill taħt l-artikolu 33(1)(*g*) ta’ l-Att:

Iżda wkoll dawn il-linji ta’ gwida għandhom ikunu mdaħħla fil-kuntratt li għandu jirregola l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill lill-kuntrattur skond l-ordinament 3.3.

**3.3** Meta l-Kunsill joħroġ sejħa pubblika, l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għandha tkun bil-mezz ta’ kuntratt skond ir-regolamenti u proċeduri applikabbli għal Kunsilli Lokali.

Dak il-kuntratt ikun validu għal perijodu ta’ sena li jista’

jiġi mġedded għal perjodu ta' sena oħra permezz ta' kuntratt.

**3.4** Fil-għoti ta' kuntratt kif imsemmi fl-ordinament 3.3, il- Kunsill jista' jawtorizza lill-kuntrattur li juża l-ispazju fejn jistgħu jitwaħħlu reklami fuq għamara tat-toroq anke billi jbiegħ l- imsemmi spazju lil terzi persuni. F'dan il-każ, iżda, reklam jista' jitwaħħal biss wara li tinkiseb l-awtorizzazzjoni bil-miktub mill- Kunsill:

Iżda l-kuntrattur ma' jistax juża jew ibiegħ l-ispazju għal xi reklami li jkunu projbiti bil-kuntratt, jew b'iktar mill-prezz stabbilit mill-Kunsill f'dak il-kuntratt.

**3.5** Għal kull awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill skond dawn il-*Bye-Laws* għandu jitħallas dritt kif hemm stabbilit fl- Iskeda:

Iżda fil-każ ta' awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill wara sejħa pubblika, id-dritt li jitħallas lill-Kunsill ikun dak offrut fid- dokumenti ta' l-offerta milqugħa.

**3.6** Minkejja kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn il-*Bye- Laws*, il-persuna li lilha tingħata l - awtorizzazzjoni tkun personalment responsabbli għal kull permess jew liċenza meħtieġa taħt kull liġi oħra.

**3.7** Il-Kunsill jista' jagħti l-awtorizzazzjoni skond dawn il- *Bye-Laws* lil għaqdiet volontarji li jiffunzjonaw mil-lokalità, għaqdiet parrokjali u għaqdiet filantropiċi, jew li ll- organizzazzjonijiet li mhumiex tal-Gvern imniżżlin fit-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att, wara li dawn jagħmlu talba bil-miktub sabiex jirreklamaw attivitajiet jew appelli pubbliċi mingħajr ħlas.

**3.8** Kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn il-*Bye-Laws* tkun fost kondizzjonijiet oħra soġġetta għall-kondizzjoni li r-reklam jitneħħa fi żmien ġimgħa minn meta jiskadi ż-żmien li għalih tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni.

Penali.

**4.** Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn il- *Bye- Laws* jew xi kondizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn il-*Bye-Laws* teħel, meta tinstab ħatja, ammenda ta' sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59) għal dik il-kontravvenzjoni, flimkien ma' ammenda oħra ta' mhux inqas minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33) u mhux aktar minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) għal kull ġurnata li tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn il- *Bye-Laws* jew xi kondizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.

SKEDA

(Bye-Law 3.5)

Drittijiet dovuti għal Reklamar fuq Għamara tat-Toroq: €50 fis-sena